DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/1206

tal-4 ta' Lulju 2017

dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż it-tieni ħlas parzjali għall-2017

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn banda waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 ([1]), kif emendat l-aħħar ("il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE"),

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-iffinanzjar tal-għajnuna tal-Unjoni Ewropea fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perijodu mill-2014 sal-2020, skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika l-Parti Erbgħa tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ([2]) ("il-Ftehim Intern"), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/323 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp ([3]) ("ir-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ"), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(3) u 21(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ, il-Kummissjoni ser tressaq proposta sal-15 ta' Ġunju 2017 li tispeċifika (a) l-ammont tat-tieni ħlas parzjali tal-kontribuzzjoni għall-2017, u (b) ammont annwali rivedut tal-kontribuzzjoni għall-2017, f'każijiet fejn l-ammont ivarja mill-bżonnijiet reali.

(2) Skont l-Artikolu 52 tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ, fis-6 ta' April 2017, il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) bagħat lill-Kummissjoni l-estimi aġġornati tiegħu tal-impenji u l-pagamenti fl-istrumenti li jimmaniġġja.

(3) L-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ jistipula li s-sejħiet għal kontribuzzjonijiet għandhom l-ewwel jużaw l-ammonti stipulati fil-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ) preċedenti. Għaldaqstant, jenħtieġ li ssir sejħa għall-fondi taħt l-10 u l-11-il FEŻ.

(4) Permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2016/2026 ([4]), fil-11 ta' Novembru 2016, fuq proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni li tistabbilixxi li l-limitu massimu għall-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet tal-FEŻ tal-Istati Membri għall-2017 ikun ta' EUR 3 850 000 000 għall-Kummissjoni, u ta' EUR 150 000 000 għall-BEI.

([1]) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.
([2]) ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1.
([3]) ĠU L 58, 3.3.2015, p. 17.
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2026 tal-15 ta' Novembru 2016 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inklużi l-limitu massimu għall-2018, l-ammont annwali għall-2017, l-ewwel ħlas parzjali għall-2017 u previżjoni indikattiva u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija għas-snin 2019 u 2020 (ĠU L 313, 19.11.2016, p. 25).

(5) Permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2016/1337 [1], fit-2 ta' Awwissu 2016, il-Kunsill adotta l-allokazzjoni ta' fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-10 FEŻ għall-għan tar-riforniment tal-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika għall-perijodu bejn l-2016 u l-2018. Intlaħaq ftehim politiku bażiku fil-COREPER mill-Istati Membri sabiex jiġi rimburżat ammont ikkombinat ta' EUR 200 miljun tal-ammonti diżimpenjati mit-Tmien u d-Disa' FEŻ u biex l-Istati Membri jagħmlu aġġustamenti ta' ħlasijiet korrispondenti biex jirrimburżaw kull Stat Membru skont is-sehem li kkontribwixxa għal dawk l-ammonti. L-aġġustamenti ta' ħlasijiet għandhom isiru sat-tielet sejħa għall-kontribuzzjonijiet tal-2017 u/jew sal-ewwel sejħa għall-kontribuzzjonijiet tal-2018,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kontribuzzjonijiet individwali tal-FEŻ li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri lill-Kummissjoni u lill-BEI bħala t-tieni ħlas parzjali għall-2017 huma stabbiliti fit-tabella fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-ishma tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri stabbiliti fl-Artikolu 1(2)(a) tal-Ftehimiet Interni tat-Tmien u d-Disa' FEŻ għandhom jitnaqqsu skont dan għal ammont ta' EUR 200 000 000 minn fondi diżimpenjati taħt it-Tmien u d-Disa' FEŻ. Skont il-preferenzi ta' kull Stat Membru, l-aġġustament finanzjarju għandu jiġi implimentat mit-tielet ħlas parzjali tal-2017 u/jew mill-ewwel ħlas parzjali tal-2018.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill
Il-President
M. MAASIKAS

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1337 tat-2 ta' Awwissu 2016 dwar l-allokazzjoni ta' fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-għan tar-riforniment tal-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika (ĠU L 212, 5.8.2016, p. 107).

ANNESS

STATI MEMBRI	Skema tal-10 FEŻ %	Skema tal-11 FEŻ %	It-tieni ħlas parzjali tal-2017				Totali
			Il-Kummissjoni L-10 FEŻ	Il-Kummissjoni Il-11-il FEŻ	Il-Kummissjoni Totali	Il-BEI L-10 FEŻ	
IL-BELĠJU	3,53	3,24927	2 586 394,39	39 859 803,57	42 446 197,96	1 765 000,00	44 211 197,96
IL-BULGARIJA	0,14	0,21853	102 576,55	2 680 775,34	2 783 351,88	70 000,00	2 853 351,88
IR-REPUBBLIKA ĊEKA	0,51	0,79745	373 671,71	9 782 566,65	10 156 238,37	255 000,00	10 411 238,37
ID-DANIMARKA	2,00	1,98045	1 465 379,26	24 294 794,82	25 760 174,08	1 000 000,00	26 760 174,08
IL-ĠERMANJA	20,50	20,5798	15 020 137,42	252 458 793,95	267 478 931,37	10 250 000,00	277 728 931,37
L-ESTONJA	0,05	0,08635	36 634,48	1 059 282,25	1 095 916,73	25 000,00	1 120 916,73
L-IRLANDA	0,91	0,94006	666 747,56	11 532 007,79	12 198 755,35	455 000,00	12 653 755,35
IL-GREĊJA	1,47	1,50735	1 077 053,76	18 491 130,29	19 568 184,04	735 000,00	20 303 184,04
SPANJA	7,85	7,93248	5 751 613,60	97 310 194,16	103 061 807,76	3 925 000,00	106 986 807,76
FRANZA	19,55	17,81269	14 324 082,27	218 513 796,75	232 837 879,02	9 775 000,00	242 612 879,02
IL-KROAZJA	0,00	0,22518	0,00	2 762 352,95	2 762 352,95	0,00	2 762 352,95
L-ITALJA	12,86	12,53009	9 422 388,64	153 710 502,99	163 132 891,64	6 430 000,00	169 562 891,64
ĊIPRU	0,09	0,11162	65 942,07	1 369 277,18	1 435 219,25	45 000,00	1 480 219,25
IL-LATVJA	0,07	0,11612	51 288,27	1 424 480,08	1 475 768,35	35 000,00	1 510 768,35
IL-LITWANJA	0,12	0,18077	87 922,76	2 217 561,70	2 305 484,45	60 000,00	2 365 484,45
IL-LUSSEMBURGU	0,27	0,25509	197 826,20	3 129 268,20	3 327 094,40	135 000,00	3 462 094,40
L-UNGERIJA	0,55	0,61456	402 979,30	7 538 998,26	7 941 977,56	275 000,00	8 216 977,56
MALTA	0,03	0,03801	21 980,69	466 280,47	488 261,16	15 000,00	503 261,16
IN-NETHERLANDS	4,85	4,77678	3 553 544,71	58 598 242,83	62 151 787,53	2 425 000,00	64 576 787,53
L-AWSTRIJA	2,41	2,39757	1 765 782,01	29 411 735,32	31 177 517,33	1 205 000,00	32 382 517,33
IL-POLONJA	1,30	2,00734	952 496,52	24 624 662,80	25 577 159,32	650 000,00	26 227 159,32
IL-PORTUGALL	1,15	1,19679	842 593,07	14 681 394,38	15 523 987,45	575 000,00	16 098 987,45
IR-RUMANIJA	0,37	0,71815	271 095,16	8 809 768,94	9 080 864,11	185 000,00	9 265 864,11
IS-SLOVENJA	0,18	0,22452	131 884,13	2 754 256,52	2 886 140,66	90 000,00	2 976 140,66
IS-SLOVAKKJA	0,21	0,37616	153 864,82	4 614 471,47	4 768 336,29	105 000,00	4 873 336,29
IL-FINLANDJA	1,47	1,50909	1 077 053,76	18 512 475,41	19 589 529,16	735 000,00	20 324 529,16
L-IŻVEZJA	2,74	2,93911	2 007 569,59	36 054 974,58	38 062 544,17	1 370 000,00	39 432 544,17
IR-RENJU UNIT	14,82	14,67862	10 858 460,32	180 067 187,34	190 925 647,66	7 410 000,00	198 335 647,66
TOTAL TAL-UE-28	100,00	100,00	73 268 963,00	1 226 731 037,00	1 300 000 000,00	50 000 000,00	1 350 000 000,00